MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-27 ta' April, 2010

Citazzjoni Numru. 88/1997/1

**Power Projects Limited**

**vs.**

**Serena Holidays Limited**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 30 ta’ April 1997 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, kif diversament presjeduta mill-Magistrat Michael Mallia fejn gie premess:-

Illi s-socjeta' attrici hija kreditrici tas-socjeta' konvenuta fis-somma ta' tlettax-il elf seba’ mija u sittax-il Lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm13,716.20) (Dok “A”), bhala bilanc minn ammont akbar rappresentanti valur ta' provvista,

installazzjoni u *commissioning* ta’ *panoramic lift* provdut u installat mis-socjeta' attrici fis-Serena Aparthotel, Xlendi, Ghawdex, skont ftehim datat 21 ta' Frar 1995, hawn anness dokument "B".

Illi *nonostante* diversi talbiet ghall-hlas inkluza talba permezz ta’ ittra ufficjali datata 11 ta' Marzu 1997, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti u ma hallsitx.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hdax-il elf disa’ mija u sebgha u ghoxrin Lira Maltin u tlettax-il centezmu (Lm11,927.13) rapprezentanti valur ta' provvista installazzjoni u *commissioning ta' panoramic lift* provdut u installat mis-socjeta' attrici fis-Serena Aparthotel, Xlendi, Ghawdex, skont ftehim datat 21 ta' Frar 1995, hawn anness dokument “B” *oltre* l-VAT fuq l-istess ammont li jlahhaq ghal elf seba’ mija u disgha u tmenin Lira Maltin u seba’ centezmi (Lm1,789.07) ghal total ta' tlettax-il elf seba’ mija u sittax-il Lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm13,716.20).

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 11 ta' Marzu 1997, u bl-imghax legali sal-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` attrici a fol. 5 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti minn fol. 5 tal-process;

Rat li l-kawza giet appuntata ghas-smigh ghat-2 ta’ Ottubru 1997 quddiem l-istess Qorti.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta datata 5 ta’ Gunju 1997 a fol. 20 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi t-talba attrici hija intempestiva u nfondata fil-fatt u fid-dritt *stante* li l-*lift* supplit mis-socjeta` attrici u l-materjal

uzat ghall-istallazzjoni tieghu mhuwiex tal-kwalita` pattwit, u x-xoghol tal-istallazzjoni ma sarx skont is-sengha u l-arti.

2. Illi sussidjarjament u bla pregudizzju, fi kwalunkwe kaz, l-ammont mitlub huwa nkorrett u eccessiv.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tas-socjeta` konvenuta a fol. 20 tal-process.

Rat in-nota tas-socjeta` konvenuta datata l-ewwel (1) ta' Ottubru 1997 a fol 27 tal-process li biha esebiet kopja ta' rikors presentat fi-Prim'Awla tal-Qorti Civili kontestwalment ma' kopja ta' citazzjoni fl-ismijiet inversi ghal dawk ta' hawn fuq liema rikors ghandu kontenut li jitkellem ghalih wahdu.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Magistrat Paul Coppini (Qorti tal-Magistrati Superjuri Ghawdex) datati 2 ta' Ottubru 1997 sal-23 ta' Mejju 2000 fejn il-kawza giet differita *sine die* pendenti l-appell interpost.

Rat id-digriet tal-Qorti tal-Magistrati datat 4 ta' Dicembru 1997 fejn astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza sakemm ikun hemm decizjoni mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fuq il-kawza prezentata mis-socjeta' konvenuta kontra s-socjeta' attrici u li gie kkonfermat b'digriet datat 12 ta' Jannar 1998.

Rat li s-socjeta' konvenuta fethet kawza fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili kontra s-socjeta' attrici sabiex jigi iddikjarat li l-istess lift mertu tal-kawza odjerna ma' kienx tal-kwalita' pattwita, u talbiet konsegwenzjali kif jidher minn kopja tal-istess citazzjoni esebita f'dan il-process bhala Dok “A”.

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta datata l-1 ta' Ottubru 1997 fejn gie esebit kopja ta' rikors prezentat fil-kawza miftuha mis-socjeta' konvenuta f'din il-Qorti sabiex il-kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tinstema mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, b'dan li s-socjeta' konvenuta odjerna rrinunzjat ghall-*privilegium fori*.

Rat l-appell tas-socjeta' attrici mid-digriet ta' l-istess Qorti tal-Magistrati tat-12 ta' Jannar 1998 intavolat b'rikors datat 19 ta' Jannar 1998, ir-risposta tal-appell tas-socjeta' konvenuta datata 18 ta' Frar 1998.

Rat id-decizjoni tal-Onorabbbli Qorti tal-Appell datata 6 ta' Ottubru 1999 a fol 88 tal-process fejn cahdet it-talba tas-socjeta' attrici.

Rat id-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili datat 30 ta' Jannar 1998 fl-atti tal-kawza Citaz. Nru. 2235/1997 fil-kawza fl-ismijiet "Serena Holidays Limited vs Power Projects Limited et" fejn din il-kawza giet rikjamata sabiex tinstema' u tigi deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili u sabiex timxi mal-istess kawza.

Rat il-provi kollha prodotta f'dik il-kawza, b'dan li l-istess provi kellhom joghddu bhala provi f'din il-kawza, u l-Qorti qed tikkonferma ghall-kull effett u buon fini tal-ligi l-istess digriet fis-sens, li l-provi fil-kawza msemmija Citaz. Nru 2235/1997 ghandhom jikkostitwixxu provi f'din il-kawza u *vice versa.*

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Joseph Buttigieg pprezentat fid-9 ta' April 2008 u mahluf fit-2 ta' April 2009 kif jidher a fol 111 tal-process.

Rat l-atti kollha tal-kawza Citaz. Nru 2235/1997, nkluz ir-rapport tal-periti teknici datat 11 ta' Gunju 2008 (mahluf fit-2 ta' April 2009) li jinsab imsemmi fir-rapport tal-Perit Legali Dr. Joseph Buttigieg hawn indikat f'din il-kawza.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti hekk presjeduta fejn *inter alia* fis-seduta tas-6 ta' Ottubru 2009 Dr. Simon Micallef Stafrace ghas-socjeta' konvenuta rrimetta ruhhu ghar-rapport, u dak tas-seduta tal-24 ta' Frar 2010 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Yana Micallef Stafrace ghall-konvenuti u Dr. Massimo Vella ghas-socjeta' attrici li rispettivament remettew ruhhom ghall-atti tal-kawza u l-istess giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta' April 2010.

Rat id-digriet tal-15 ta’ April 2010 fejn il-Qorti ordnat ir-rikjam tal-kawza ghas-sentenza ghas-seduta tas-27 ta’ April 2010 .

Rat li d-difensuri tal-partijiet taw ruhhom notifikati ghall-patrocinati taghhom rispettivi bid-digriet tar-rikjam tal-kawza ghas-27 ta’ April 2010.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza maghmula mis-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta’ konvenuta thallas lilha l-ammont ta’ 20,929 Euro (Lm13,716.20 rapprezentanti bilanc minn somma akbar rapprezentanti valur u provista, installazzjoni u *commissioning* ta’ *paranomic lift* mis-socjeta’ attrici fuq inkarigu tas-socjeta’ konvenuta fis-Serena Aparthotel, Xlendi, Ghawdex, filwaqt li minn naha taghha s-socjeta’ konvenuta eccepiet li t-talba hija intemestiva ghaliex il-lift hekk supplit u l-materjal uzat ghall-installazzjoni tieghu ma kienux skont il-kwalita’ pattwita u x-xoghol ta’ installazzjoni ma sarx skont is-sengha u l-arti; inghad ukoll li l-ammont mitlub huwa nkorrett u eccessiv.

Illi l-periti teknici fil-rapport taghha datat ikkonkludew li:-

(1) Li l-lift kif gie fornut fil-partijiet l-iktar necessarji kien accettabbli ghall-fini ta’ kif kien specifikat u accettat mill-attur.

(2) Illi kif gie mibghut il-lift kellu nuqqasijiet ta’ accessorji minn kif kien specifikat.

(3) Illi kien hemm partijiet li gew installati hazin jew il-materjal taghhom kien difettuz.

(4) Illi is-socjeta' konvenuta fic-cirkostanzi li sabet ruhha fihom ma accettatx l-atteggament tas-socjeta' attrici rigward il-mod kif giet trattata, b'dan li dahhal terzi persuni sabiex jirrangaw in-nuqqasijiet li kien hemm.

(5) Illi l-kabina kellha nuqqasijiet ta' *weather proofing* u forsi wkoll ippenetra xi ilma mil-*landing doors.*

Illi ghalhekk ikkonkludew li hafna minn nuqqasijiet setghu jigu rrangati – u filfatt hekk ghamlet is-socjeta' konvenuta wara xi zmien konsiderevoli, anke jekk l-istess saru bi spiza, dewmien u skariggi ohra, u tali spejjez addizzjonali sabiex il-lift gie supplit u nstallat joqrob ghall-fini ta' kuntratt li kellha tforni s-socjeta' attrici kien jammonta ghall-ghoxrin elf, disa' mija u disa' u ghoxrin ewro (€20,929).

Illi skont is-sentenza fl-ismijiet **"Farrugia vs Portelli et"** (A.C. – 9 ta' Ottubru 1987) l-appaltaturi ghandhom jipprestaw opera sodisfacenti u jirrezistu kull intramissjoni ta' minn jinkarigahom, u ma jistghux jezonoraw ruhhom minn responsabilita' ta' xoghol skont is-sengha ghaliex jghidu li x-xoghol li ghamlu sar hekk fuq insistenza tas-sid. Konformament ma' dan l-appaltatur ma huwiex mehlus mir-responsabbilta' u din anzi tibqa' tissussisti minkejja li kien hemm "l-approvazzjoni" tax-xoghol mis-sid, u dan iktar u iktar meta tali difetti fix-xoghol ma jkunux immedjatament apparenti u ma jkunux jistghu jigu skoperti fil-mument ta' installazzjoni jew konsenja, u l-appaltatur ghandu jaghmel tajjeb ghad-difetti li johorgu wara (**"Bonaventura Camilleri vs John Cuschieri"** – P.A. (PS) – 31 ta' Jannar 2003).

Illi hemm differenza bejn dawk li huma difetti essenzjali li jippruvaw il-haga mill-iskop jew utilita' taghha, b'mod li ma tibqax tajba ghall-uzu intenzjonat ghaliha u b'hekk il-kommittent ghandu dritt jitlob ir-rexissjoni tal-kuntratt minhabba inadempjenza, u difetti mhux essenzjali, meta ma jistax jinghad li l-appaltatur huwa inadempjenti, izda

ghandu l-obbligu li jirrepara ghad-difetti jew li jaccetta riduzzjoni fil-prezz tal-opera minnu fornita.

Illi fil-kaz li jridu jigu eleminati tali difetti, l-kommittent ghandu qabel xejn jirrivolgi ghal dan ghand l-appaltatur u jekk dan ma jaghmel xejn jew ma jintlahaqx ftehim, ix-xoghol rimedjali jista' jsir mill-kommittent u dan *"minghajr il-htiega ta' konferma gudizzjali ta' l-inadempjent u tal-konsegwenti kundanna ta' l-appaltatur ghall-attwazzjoni specifika".* F'dan il-kaz allura l-kommittent jista' jitlob il-hlas ta' danni lilu kkagunati u dan jemani mill-**artikolu 1125 tal-Kap. 16** li jobbliga lil kull min jonqos milli jesegwixxi l-obbligazzjoni li huwa jkun ikkuntratta, li jhallas id-danni **(Vol. XXX.i.62),** u dan iktar u iktar fil-kaz meta l-appaltatur ma jwigibx jew ma jirrangax huwa d-difetti li hemm fix-xoghol kommissjonat, meta hekk interpellat.

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami jirrizulta li l-lift kif installat mis-socjeta' attrici kellu numru ta' difetti fuq elenkati mill-periti teknici, difetti li jistghu jitqiesu li ma kienux ta' natura essenzjali li jwasslu ghar-rizoluzzjoni tal-kuntratt ta' appalt, izda xorta wahda serji u mhux traskurabbli, li setghu jigu retifikati b'interventi f'waqthom mis-socjeta' attrici meta interpellata mis-socjeta' konvenuta permezz ta' protest gudizzjarju datat 30 ta' April 1997.

Illi fuq l-iskorta tal-gurisprudenza citata, s-socjeta' attrici kienet responsabbli li tirrimedja ghall-istess meta interpellata, pero' jirrizulta li s-socjeta' attrici dan irrifjutat li taghmlu u fil-fatt ma ghamlitux tant li ghamlet din il-kawza u ghalhekk is-socjeta' konvenuta kellha d-dritt u kienet kostretta hija sabiex hija stess tirimedja ghall-istess difetti, u dan anke in konsegwenza tal-principju li d-dannegjat ghandu obbligu li jimminimizza d-danni **("Mario Blackman vs. Paul Formosa"** A.C. – 5 t'Ottubru 1994) u dan is-socjeta' konvenuta setghet taghmlu minghajr il-bzonn ta' awtorizzazzjoni gudizzjarja. Dawn ix-xogholijiet riparatorji saru mis-socjeta' konvenuta u b'effett ta' dan *"gabet il-lift fi stat li jahdem, kif rawh il-periti teknici, u l-esponent il-perit legali, fl-access tal-5 ta' Mejju 2006..."* (para 32 tar-rapport legali – fol. 137) u allura s-socjeta'

attrici hija responsabbli sabiex thallas l-ispejjez ta' riparar, li jammontaw ghal €20,929, u allura tali ammont ghandu jitnaqqas mill-ammont mitlub fic-citazzjoni attrici ta' €31,950.15 (Lm13,716.20), u ghalhekk jibqa' bilanc favur is-socjeta' attrici ta' €11,021.15, u fl-istess waqt la darba l-lift issa qed jopera sew l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta, giet b'hekk sorvolota. Din hija l-konkluzjoni raggunta mill-perit legali u li jidher li l-partijiet adottaw peress li rremettew ruhhom ghall-istess u ghalhekk it-talba attrici qed tigi milqugha biss ghall-ammont ta' hdax-il elf, u wiehed u ghoxrin ewro u hmistax -il centezmu (€11,021.15).

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta biss in kwantu l-istess huma b'xi mod inkonsistenti ma' dak hawn premess, **tilqa' t-talba attrici biss fis-sens u fil-limitu ta' dak hawn deciz** b'dan illi:-

(1) Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hdax-il elf, u wiehed u ghoxrin ewro u hmistax-il centezmu (€11,021.15) bilanc minn somma akbar rapprezentanti valur ta' provvista, installazzjoni u *commissioning ta' panoramic lift* provdut u installat mis-socjeta' attrici fis-Serena Aparthotel, Xlendi, Ghawdex, skont ftehim datat 21 ta' Frar 1995, hawn anness dokument "B" *oltre* l-VAT, wara li tnaqqsu l-ispejjez li saru mis-socjeta' konvenuta sabiex id-difetti fl-istess lift gew rimedjati, kollox kif indikat f'din is-sentenza.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 11 ta' Marzu 1997, jinqasmu kwantu ghall-zewg terzi mis-socjeta' attrici, u terz mis-socjeta' konvenuta, bl-imghax legali mid-data ta' din is-sentenza sal-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------